**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 8 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Guramentat numru 15/2018 JVC**

**Ganni Attard**

**vs**

**Josephine Cachia u permezz ta' digriet tat-3 ta' Settembru 2018 il-kunjom 'Cachia' ghandu jigi jaqra 'Farrugia'**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ai termini tal-Artikoli 167 et seq. tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-attur ippremetta:

1. 'Illi permezz ta' skrittura datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u ghaxra (2010), kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, il-konvenuta flimkien u solidalment ma' certu Anthony Muscat ddikjaraw rwiehhom bhala veri, certi u

likwidi debituri fil-konfront tar-rikorrent fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, hames mija, u sitta u tletin Euro u tmienja u sittin centezmu (€22,536.68), liema skrittura giet debitament iffirmata mill-partijiet fil-prezenza tan-Nutar Pubbliku Dottor Josianne Mifsud;

2. Illi l-partijiet qablu li ghandu jiddekorri mghax bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena fuq kull bilanc li jkun dovut, liema mghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru b'sehh mill-ewwel (1) ta' Jannar, tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

3. Illi nonostante li skont l-imsemmija skrittura d-debituri kellhom jaghmlu l-almu taghhom sabiex ihallsu dan id-debitu kemm jista' jkun malajr, l-imsemmija debituri, u ghalhekk il-konvenuta Josephine Cachia bhala debitrici in solidum, baqghet ma halsitx xejn mill-ammont imsemmi fl-iskrittura u dan minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan;

4. Illi permezz ta' att fl-atti tan-Nutar Dottor Josianne Mifsud tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar, tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-iskrittura hawn fuq imsemmija giet debitament transuntata, kopja ta' l-imsemmi transunt qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

5. Illi permezz ta' Ittra Ufficcjali Nurmu 187/2017 tal-hdax (11) ta' April, tas-sena elfejn u sbatax (2017), filwaqt li r-rikorrenti nterpella formalment lill-konvenuta Josephine Cachia sabiex thallas il-kapital u l-imghaxijiet dekorsi sa dik il-gurnata, huwa kkapitalizza l-

imghaxijiet dovuti skont il-Ligi u dan fl-ammont ta' wiehed u tletin elf, erba' mija u Euro u tlieta u disghin centezmu (€31,401.93), hekk kif jidher mill-kopja ta' l-Ittra Ufficcjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. C;

6. Illi minkejja li l-konvenuta giet debitament interpellata sabiex hija thallas l-ammont dovut lir-rikorrent, hija xorta wahda baqghet inottempranti u ma ssaldatx l-ebda pagament, u dan minkejja li l-Ittra Ufficcjali hawn fuq imsemmija giet debitament notifikata fid-disgha (9) ta' Mejju, tas-sena elfejn u sbatax (2017), u ma kien hemm l-ebda twegiba ghaliha;

7. Illi l-bilanc tad-dejn li l-konvenuta ghandha mar-rikorrenti kien jammonta fit-tlettax (13) ta' Frar, tas-sena elfejn u tmintax (2018) ghal tlieta u tletin elf, hames mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€33,521.78);

8. Illi dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu, u dovut, u sa fejn jaf ir-rikorrenti, il-konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti kontra din it-talba ghall-hlas lura ta' dan id-dejn;

9. Illi r-rikorrenti ntavola Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fl-ismijiet premessi li jgib in-Numru 10/2018 (PC) in sostenn tat-talbiet kontenuti f'dan ir-rikors guramentat;

10. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

11. Ili ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddisponi mit-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-Artikoli 167 *et seq*. tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara dovuta lir-rikorrenti mill-konvenuta, bhala debitrici in solidum, is-somma ta' tlieta u tletin elf, hames mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€33,521.78), dovuta f'kapital u mghax in konnessjoni mad-debitu mertu tal-iskrittura tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

3. Tikkundanna lill-konvenuta, bhala debitrici in solidum, sabiex thallas lir-rikorrenti din is-somma ta' tlieta u tletin elf, hames mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€33,521.78), bl-imghaxijiet ulterjuri b'effett mill-14 ta' Frar, 2018 sal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez inkluzi tal-Ittra Ufficcjali Numru 187/2017 tal-11 ta' April, 2017, tal-Ittra Ufficcjali Nru 94/2010 tat-12 ta' Lulju, 2010, u tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 10/2018 kontra l-konvenuta.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subbizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Josephine Farrugia wara li giet awtorizzata sabiex tipprezenta l-istess minn din il-Qorti li eccepiet:

1. 'Preliminarjament jigi eccepit illi l-azzjoni tal-attur Ganni Attard ma tistax tirnexxi ghaliex hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr pregudizzjoni ghas-suespost l-iskrittura datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) hija nulla stante illi mhux minnu li l-attur biegh lill-konvenuta Josephine Farrugia xi bhejjem u oggetti ohra relatati u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza kif ukoll illi din saret taht theddid li sar mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u din ma kellhiex triq ohra ghajr illi tiffirma l-istess skrittura.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.'

Rat illi permezz tar-risposta guramentata prezentata nhar it-23 ta' Marzu 2018 il-konvenuta ssollevat bhala wahda mill-eccezzjonijiet, il-preskrizzjoni fil-konfront tat-talbiet attrici ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u cioe' l-perjodu ta' hames (5) snin w'ghalhekk il-Qorti llimitat il-provi f'dan l-istadju limitatament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imqajjma;

Semghet u rat ix-xhieda, affidavits, kontro-ezamijiet, dokumenti u provi

kollha esebiti fl-atti in konnessjoni ma' din l-eccezzjoni preliminari;

Rat illi fil-verbal tat-18 ta' Ottubru, 2018, il-kawza thalliet ghad-decizjoni fuq din il-eccezzjoni preliminari ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-attur talab li t-talbiet tieghu jigu milqugha bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza b'dana izda fl-ewwel seduta din il-Qorti awtorizzat lill-konvenuta tiprpezenta l-eccezzjonijiet taghha w'ghalhekk l-ewwel talba attrici giet sorvolata.

Illi l-attur jippremetti li huwa ghandu jigbor minghand l-konvenuta (*in solidum* ma' certu Anthony Muscat li ma giex imharrek fil-kawza) is-somma ta' tlieta u tletin elf hames mija u wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€33,521.78) li dejjem skont l-attur jirrapprezentaw debitu naxxenti minn skrittura privata datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) komprizi l-imghax li gie kkapitalizzat mas-somma dovuta.

Illi l-Qorti fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) wara li rat l-artikolu 170 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta qieset li l-attrici

ssodisfat lil Qorti li kellha eccezzjonijiet *prima facie* u ghalhekk awtorizzat il-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin (20) jum.

Illi permezz ta' risposta guramentata prezentata nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018) il-konvenuta ressqet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta apparti eccezzjoni ulterjuri dwar nullita.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-kronologija tal-provi dokumentarji esebiti fl-atti tal-kawza odjerna hija kif isegwi:

1. Fit-tnax (12) ta' Lulju elfejn u ghaxra (2010) giet prezentata fir-registru tal-Qorti ittra ufficjali bin-numru: 94/2010 a bazi tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 10) fejn l-attur interpella lill-konvenuta u lil Anthony Muscat sabiex ihallsu l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf hames mija sitta u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€22,536.68) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bhejjem u oggetti ohra relatati, mixtrija minghand l-attur fil-kawza odjerna. Din l-ittra a tenur tal-Artikolu 166A giet notifikata kemm lil Josephine Cachia u lil Anthony Muscat nhar it-tlettax (13) ta' Lulju elfejn u ghaxra (2010);

2. Fl-ghaxra (10) ta' Awwissu elfejn u ghaxra (2010) il-konvenuta Josephine Farrugia prezentat nota (fol. 14) li biha opponiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjonijiet kontenuti f'dik l-ittra ufficjali ndikata fil-paragrafu numru wiehed (1);

3. Fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010), quddiem in-Nutar Josianne Mifsud, l-attur John Attard u l-konvenuta Josephine Cachia (dak iz-zmien kienet ghadha ma rrivertietx ghal kunjom xbubitha Farrugia) flimkien ma' Anthony Muscat kienu ffirmaw skrittura privata (fol. 6) fejn il-konvenuta kienet iddikjarat ruhha bhala vera, certa u likwida debitrici fil-konfront tal-attur John Attard ghas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, hames mija sitta u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€22,536.68). Fl-iskrittura l-partijiet ftehmu li l-ebda kopja tal-iskrittura ma ghandha tinhareg minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra;

4. Fil-hdax (11) ta' April elfejn u sbatax (2017) bl-ittra numru: 187/2017 (fol. 8) il-konvenut John Attard ghamel referenza ghall-iskrittura datata tnax (12) ta' Lulju elfejn u ghaxra (2010) u nterpella lill-konvenuta wahidha Josephine Cachia sabiex thallas l-ammont ta' wiehed u tletin elf erba' mija u ewro u tlieta u disghin centezmu (€31,401.93) rapprezentanti l-kapital flimkien mal-imghax li gie kkapitalizzat;

5. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017) l-iskrittura giet transunta fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud fuq talba ta' l-attur John Attard kif ukoll konfermat fix-xhieda tan-Nutar Josianne Mifsud a fol. 50 et seq.

Illi l-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili ghal dak li huwa rilevanti ghall-kaz odjern jaqra:

> "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:
>
> (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"

Illi fid-dawl tal-fatti tal-kaz odjern flimkien ma' dan l-artikolu jridu jigu allaccati ukoll l-artikoli 2137, 2160 tal-Kodici Civili kwotati aktar 'il isfel u l-artikolu 1078 tal-Kodici Civili taht it-titolu 'Fuq l-Obbligazzjonijiet bi zmien' li jaqra kif isegwi:

"Jekk iz-zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun gie miftiehem illi d-debitur ghandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:

(a) Jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta' somma ta' flus, dik ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax;

(b) Jekk l-obbligazzjoni jkollha bhala oggett taghha xi hag'ohra li ma tkunx somma ta' flus, iz-zmien li fih ghandha tigi esegwita l-obbligazzjoni jigi stabbilit mill-Qorti skont ic-cirkostanzi".

Illi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imqajjma mill-konvenuta odjerna din il-Qorti kkunsidrat primarjament zewg punti cioe' l-perjodu applikabbli ghall-preskrizzjoni tal-obligazzjoni in kwistjoni u minn meta dan jibda jiddekorri u l-gurament tad-debitur kif tirrikjedi l-ligi.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Attard et vs Micallef** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-ghoxrin (20) ta' Awwissu elf tmien mija erbgha u tmenin (1884) fejn kien gie ritenut illi l-azzjoni li hija naxxenti minn skrittura privata hija milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali. Hekk inghad:

> *"l' azione nascente da una scrittura privata si prescrive col decorso di anni cinque, ove non sia soggetta a Prescrizione piu` breve e questa non sia stata interrotta."*

Illi meta nigu ghall-kaz prezenti, l-iskrittura privata kienet giet iffirmata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010), mentri ferm wara, precizament fil-hdax (11) ta' April elfejn u sbatax (2017) giet ipprezentata kontra l-konvenuta Josephine Farrugia l-ittra ufficjali bin-numru: 187/2017 li giet notifikata lilha nhar id-disgha (9) ta' Mejju elfejn u sbatax (2017). B'hekk, mid-data tal-iskrittura privata sal-intavolar u

notifika tal-ittra ufficjali, kienu lahqu ghaddew 'il fuq minn sitt (6) snin u sitt (6) xhur li kieku wiehed kellu jiehu d-data tal-iskrittura bhala d-data minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni kontra l-attur. Ghandu jinghad izda li fil-kaz odjern fl-iskrittura datata 22 ta' Settembru, 2010 id-debituri ma nghatawx terminu stabbilit li fih id-dejn kellu jithallas lura lill-attur. Anzi l-iskrittura taqra kif isegwi:

*'Id-debituri ghandhom jaghmlu l-almu taghhom sabiex ihallsu dan id-debitu, kemm jista nkun malajr.'*

In oltre, fl-istess skrittura jinghad li fuq is-somma dovuta kellu jiddekorri mghax bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) mid-data tal-1 ta' Jannar, 2010. In vista ta' dan jirrizulta ghalhekk li jidhol fis-sehh l-artikolu 1078 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li kif ikkwotat aktar 'il fuq jipprovdi li f'dawn ic-cirkustanzi d-debituri kellhom l-obbligu li jezegwixxu l-obbligu taghhom fi zmien sitt snin. Meta wiehed japplika dan l-artikolu ghall-iskrittura tat-22 ta' Settembru, 2010 jirrizulta ghalhekk li d-debituri kellhom l-obbligu li jeffettwaw il-hlas dovut minnhom sa massimu sitt snin wara d-data tat-22 ta' Settembru, 2010 u cioe' sal-21 ta' Settembru, 2016.

Illi l-artikolu 2137 tal-Kodici Civili jistabilixxi minn meta tibda tiddekorri l-preskrizzjoni tal-azzjoni kif isegwi:

'Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'

Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-attur odjern ai termini tal-artikolu 1078 tal-Kodici Civili kellu jhalli l-perjodu ta' sitt snin mid-data tal-iskrittura datat 22 ta' Settembru, 2010 sabiex ikun jista' jezercita' l-azzjoni tieghu u dan stante li l-konvenuta (kif ukoll id-debitur l-iehor mhux parti fil-kawza) skont l-istess artikolu kellha l-obbligu li thallas id-dejn lura fi zmien massimu ta' sitt snin. Isegwi ghalhekk li l-attur gie f'posizzjoni li jezercita l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuta sitt snin wara d-data tat-22 ta' Settembru, 2010 u cioe' kif gia nghad minn nhar it-22 ta' Settembru, 2016. Huwa minn dak in-nhar li allura beda jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin kontra l-attur li allura kellu zmien sa hames snin wara dik id-data sabiex jipprezenta l-azzjoni kontra l-konvenuta. Fil-kaz odjern l-attur esebixxa fl-atti ittra ufficcjali ntavolata u notifikata lill-konvenuta datata 11 ta' April, 2017 liema ittra nterrompiet l-istess preskrizzjoni wara anqas minn sena li bdiet tiddekorri. L-attur ukoll ipprezenta l-kawza odjerna nhar it-13 ta' Frar, 2018 b'dana li jirrizulta li l-azzjoni odjerna kienet ferm 'il boghod milli taqa' preskritta meta giet intavolata.

Illi apparti s-suepost ghandu jinghad ukoll li bl-emendi li gew introdotti bl-Att numru 1 tal-2017 li dahal fis-sehh fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) anki li kieku *dato ma non concesso* fil-kaz odjern din il-Qorti kellha tikkunsidra d-dekors tal-hames snin kif eccepiet mill-konvenuta bhala gjustifikat jirrizulta li legalment dan ma hux bizzejjed sabiex l-eccezzjoni tal-konvenuta tigi milqugha stante li f'eccezzjoni bhal din ghandhom ukoll jigu sodisfatti l-elementi kontenuti fl-artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra kif isegwi:

‘(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, ma jaghtux gurament minn jeddhom waqt il-kawza li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.

(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.

(3) Fil-proceduri ghall-gbir ta’ debiti li ghalihom hemm referenza fil-proviso ghall-artikolu 2156, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din trid taghti ragunijiet ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.’

F’dan ir-rigward ta’ rilevanza hija s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Bottega Del Marmista Ltd -vs- Paul Mifsud et** deciza mill-Imhallef Anthony Ellul fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Jannar elfejn u tmintax (2018) fejn inghad:

*‘… Imbaghad fis-seduta tal-25 ta’ Jannar, 2017 il-konvenuti xehdu li m’ghandhomx jaghtu lis-socjeta’ attrici (fol. 38 u 39). Pero’ dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma xehdu minn jeddhom. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta’ Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar id-*

*disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:*

*'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa'.*

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill- preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall- preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.'*

Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn '… *Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skont il-ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjieni bhala ammissibli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. B'dan il-mezz huwa*

*jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuzjenza tad-debitur.'*[1]

Illi ghalhekk l-pozizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tieghu fl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni saret wahda attiva u dana fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-gurament tieghu waqt il-kawza ghandu jikkonferma li ma huwiex debitur. Fis-sentenza **P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-sittax (16) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) gie ezaminat fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk inghad:

*'…Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.*

*20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i)* ***jixhed minn jeddu*** *u (2) jaghti l-gurament waqt il-Kawza li* ***ma hux debitur****. L-anqas ma jista' jghid li* ***ma jiftakarx li l-haga giet imhallsa****, ghaliex dan ix-xorta ta' gurament huwa riservat ghall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-ligi il-kliem uzat huwa "ma jiftakrux" (ara Decizjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955).*

*21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta'*

---

[1] Vincenza Vella -vs- Carmela armla Sciberras', Prim Awla, Qorti Civili deciza nhar is-16 ta' Jannar 1963

*dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …'*

Illi minn harsa lejn il-provi odjerni jirrizulta li l-konvenuta xehdet permezz ta' l-uzu tal-affidavit intavolat minn jeddha fis-seduta ta' nhar it-tlieta (3) ta' Mejju 2018 (fol. 54). Hija xehdet ukoll in kontro-ezami fis-seduta tat-tlettax (13) ta' April 2018 (fol. 59 – fol. 63). Wara li l-Qorti fliet bir-reqqa dak li qalet il-konvenuta, minn imkien ma jirrizulta li hija xehdet li ma ghandhiex taghti flus lill-attur. Il-konvenuta fix-xhieda u kontro-ezami taghha taghti x'jifhem li l-iskrittura in kwistjoni giet iffirmata taht theddid ghaliex skont hi l-attur kien isus warajha u jheddidha li ser itiha '*… daqqa ta' sikkina go zaqqi u x-xemx tal-ghada ma narahiex'* (li huwa se mai l-mertu tat-tieni eccezzjoni taghha li ghadha pendenti) pero' hija ma kkonfermatx bil-gurament taghha kif trid il-ligi li ma hijiex debitrici tal-attur.

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti ma tqisx li l-eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta tista' legalment tirnexxi u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-preskrizzjoni billi

tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) stante li mhux legalment u fattwalment gustifikata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Tordna ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza fil-mertu u l-eccezzjoni rimanenti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri

Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur